**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' April, 2016**

Talba Numru: 266/2015JB

Kawza Numru: 6

**London Services Limited (C 3951)**

***vs***

**Mario Laporto u b'digriet tat-Tribunal tat-2 ta' Marzu 2016 giet ordnata korrezzjoni fis-sens li isem il-konvenut ghandu jaqra "Mario Loporto" u mhux Mario Laporto u b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Dicembru 2015 gew kjamati fil-kawza s-socjetajiet Ta' Frenc Estates Limited (C34667), Ta' Frenc Properties Limited (C34665) u Gozo Village Holidays Limited (C12480)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-9 ta' April 2015 li permezz tieghu is-Socjeta Attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tliet euro u hamsa u tmenin centezmu (€1,703.85) rapprezentant danni sofferti b'rizultat ta' incident li sehh bejn il-lejl tal-15 u s-16 ta' Settembru 2013 fi Triq il-Fanal, l-Ghasri, Ghawdex meta waqt li Romain Robert Georges Chatellard ipparkja l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LEK842, proprjeta tas-Socjeta Attrici fl-imsemmija triq, waqghu fuqha pannelli solari minn fuq il-bejt tal-fond "Gozo Holiday Inn", appartenenti lill-Konvenut li kwindi hu unikament responsabbli ghall-imsemmi ncident u konsegwenzjali danni. Talbet ukoll l-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tas-6 ta' Jannar 2015 u l-imghax.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-12 ta' Mejju 2015 (a fol 7);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat, laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar il-11 ta' Mejju 2015 ipprezenta risposta (a fol 10) li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti mhuwiex il-legittimu kuntradittur billi mghandux konnessjoni mal-appartamenti imsemmija u lanqas mal-incident imsemmi u dan kif irrisponda ghall-ittra ufficcjali imsemmija mis-Socjeta Attrici;

2. Illi bla pregudizzju ghal dan, is-Socjeta Attrici trid tipprova t-talba taghha li qed tigi kkontestata sija fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ra l-provvediment moghti nhar it-2 ta’ Gunju 2015 li permezz tieghu l-okkju tal-kawza gie korrett;

Ra r-rikors tas-Socjeta Attrici prezentat nhar is-26 ta’ Ottubru 2015 li permezz tieghu talbet li jigu msejjha fil-kawza is-socjetajiet Ta’ Frenc Estate Limited (C34667), Ta’ Frenc Properties Limited (C34665) u Gozo Village Holidays Limited (C12480);

Ra d-digriet tieghu tad-9 ta’ Dicembru 2015 fejn laqa’ t-talba;

Ra li s-Socjetajiet Imsejjha fil-Kawza, laqghu ghal din l-azzjoni billi nhar is-26 ta’ Jannar 2016 ipprezentaw risposta (a fol 30) li taqra’ kif gej:

> Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt.
>
> Illi in kwantu jirrigwarda l-esponenti, it-talbiet rikorrenti huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Illi fil-mertu taghhom it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt peress li (i) l-esponenti la ghandhom u lanqas qatt kellhom xi proprjeta' bl-isem "Gozo Holiday Inn', fi Triq il-Fanal, Ghasri, Ghawdex; u (ii) fi kwalunkwe kaz l-esponenti m'ghandhom l-ebda responsabilita' kwalsiasi ghall-akkadut tal-incident imsemmi f'dan l-avviz.
>
> Illi ghal kull buon fini jigi wkoll dikjarat li s-socjeta Ta' Frenc Village Holidays Limited ma tezistix u huwa ghalhekk li din ir-risposta m'hijiex issir ukoll ghan-nom ta' din l-kumpanija li ma tezistix.
>
> Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Marzu 2016 fejn: (i) is-Socjeta Attrici cediet il-kawza fil-konfront ta' Gozo Village Holidays Limited filwaqt li zammet ferm l-azzjoni fil-konfront tal-Konvenut u tal-Imsejjha fil-Kawza; (ii) is-Socjeta Attrici talbet korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens li: (a) isem il-konvenut ghandu jaqra "Mario Loporto" u mhux Mario Laporto; u (b) fil-korp tat-talba, il-kliem “Gozo Holiday Inn” ghandu jigi sostitwit bil-kliem “Ta' Frenc Apartments”; (iii) it-Tribunal laqa’ t-talba ghall-korrezzjoni; (iv) id-difensuri tas-Socjeta Attrici u tal-Imsejjha fil-Kawza qablu li “*qabel ma gew notifikati bl-atti tal-kawza, s-socjetajiet kjamati in kawza qatt ma kienu gew interpellati*”.

Sema’ l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema’ t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-odjerna kawza, is-Socjeta Attrici qed titlob ir-risarciment tad-danni wara li pannelli fotovoltaici waqghu minn fuq bejt ta’ kumpless ta’ appartamenti u laqtu vettura proprjeta taghha. Il-Konvenut Mario Loporto qieghed jilqa’ ghal din l-azzjoni billi jghid li hu

mhuwiex legittimu kuntradittur peress li l-mansjoni tieghu hija ta' konsulent tas-Socjetajiet Imsejjha fil-Kawza. Min-naha taghhom, is-Socjetajiet Imsejjha fil-Kawza, qieghdin jeccepixxi l-preskrizzjoni tas-sentejn *ai termini* tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 kif ukoll fil-mertu.

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal sejjer qabel xejn iqis il-pozizzjoni tal-Konvenut;

Illi minn ezami tar-rapport tal-Pulizija prezentat mal-Avviz tat-Talba (a fol 4), jidher li min irrediga r-rapport nizzel li l-bini minn fejn waqghu l-pannelli huwa proprjeta tal-Konvenut. Wiehed jifhem li a bazi ta' dan it-taghrif saret l-ittra ufficcjali li kopja informali taghha tinsab a fol 68. Issa minn dak li xehed il-Konvenut (a fol 13) jidher li l-Konvenut hu biss konsulent mal-kumpannija li tiggestixxi l-proprjeta imsemmija. Meta rega' xehed (a fol 66) hu spjega x'involiment kellu izda kkonferma li mghandu ebda interess personali la dirett u lanqas indirett fil-proprjeta. Hu kompla jghid li l-Pulizija qatt ma baghtu ghalih. Issa huwa sinifikattiv li meta rcieva l-ittra ufficcjali, hu rrikorra ghand l-avukat tieghu u dan wiegeb billi baghat l-ittra li tinsab a fol 70. Minn ezami ta' din l-ittra, dan bl-ebda mod ma qal li l-Konvenut mhuwiex proprjetarju izda dahal fil-mertu tal-incident.

L-Art. 1042 tal-Kap. 16 jipprovdi li "*Jekk issir ħsara lil xi ħadd bil-waqgħa ta' ħaġa mdendla jew imqiegħda f'qagħda ta' perikolu… id-detentur ta' dak il-bini, meta huwa nnifsu ma jkunx għamel il-fatt, u ma jkun bl-ebda mod ħa sehem fih, ma jweġibx għall-ħsara, ħlief sa fejn id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu dwar ir-responsabbiltà ta' persuna għall-ħsara magħmula minn oħra, jkunu jgħoddu għalih*".

Minn ezami tal-atti processwali, ma jidhirx li l-Konvenut jista' jitqies la detentur tal-fond in kwistjoni u lanqas ma jidher li kellu xi sehem fl-incident. Fic-cirkostanzi ghalhekk, it-Tribunal ma jqisx li din l-azzjoni tista' tirnexxi fil-konfront tal-Konvenut u kull ezami ulterjuri jkun inutli. Mhux l-istess jista' jinghad madankollu dwar l-ispejjez peress li l-prezenza tal-Konvenut setghet tigi evitata kieku dan ghamel il-pozizzjoni tieghu cara meta wiegeb l-ittra ufficcjali. Dan il-fatt se jittiehed f'kunsiderazzjoni fil-kap tal-ispejjez.

Ikkunsidrat;

Illi jmiss ghalhekk li jigu kunisdrati l-aspetti tal-kawza li jirrigwardaw lis-Socjetajiet Imsejjha fil-Kawza, ewlenija fosthom l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li qed tigi invokata hija dik naxxenti mill-Art. 2153 tal-Kap. 16 li tipprovdi li l-azzjoni ghall-hlas tad-danni mhux kagunati b'reat taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn.

Illi kif diga nghad, il-kontendenti jaqblu li qabel ma' l-Imsejjha fil-Kawza gew notifikati bl-atti tal-odjerna kawza, ma kienux gew interpellati. Minn ezami tal-atti jirrizulta li l-incident sehh bejn il-lejl tal-15 u s-16 ta' Settembru 2013. Il-kawza giet prezentata nhar id-9 ta' April 2015. Ir-rikors ghas-sejha fil-kawza (a fol 17) gie prezentat nhar is-26 ta' Ottubru 2015. L-atti gew notifikati lis-Socjetajiet Imsejjha fil-Kawza nhar id-19 ta' Jannar 2016 (a fol 27).

Illi hu ben risaput li l-preskrizzjoni tigi interrotta jew permezz ta' atti gudizzjarji li jsiru ad istanza ta' min qed jezercita l-azzjoni, jew permezz ta' rikonoxximent da parti tal-eccipjent.[1] Il-ligi trid ukoll, permezz tal-Art. 2131 tal-Kap. 16, li l-preskrizzjoni tigi interrotta kemm-il darba tigi prezentata kawza, anke jekk din il-kawza ma tkunx ghadha giet notifikata.

Issa fil-kaz odjern hu car li l-kawza giet prezentata qabel ma ghadda t-terminu tas-sentejn. It-talba ghall-kjamata fil-kawza giet wara li ghadda t-terminu tas-sentejn. Il-kwistjoni li jrid jezamina t-Tribunal hija jekk il-fatt li kienx hemm kawza interrompiex il-preskrizzjoni fil-konfront tal-persuni ossia kumpanniji, li sussegwentement gew imsejjha fil-kawza.

Fis-sistema taghna u senjatament fid-dawl tal-Art. 962 tal-Kap. 12, terza persuna msejħa f'kawża għandha tiġi notifikata bl-atti u, għall-finijiet kollha, titqies bħala kull konvenut ieħor. Bħala tali għandha l-jedd li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor illi l-liġi tagħti lill-konvenut. Skont iċ-ċirkostanzi, il-persuna kjamat in kawza tista' tiġi meħlusa jew ikkundannata, daqs li kieku l-kawża kienet mill-bidu proposta kontra tagħha. Issa minn qari ta' dak li tipprovdi din id-dispozizzjoni, wiehed jista' facilment jasal ghall-konkluzjoni li fil-konfront tal-kjamat – gjaladarba jitqies pari mal-konvenut – japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Art. 2131 tal-Kap. 16 u cjoe daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha.

Fil-fehma tat-Tribunal, ghad li bl-intervent koatt ossia l-kjamata fil-kawza, il-kjamat jitqies daqs Konvenut, il-pozizzjoni tieghu hija *sui generis* ghaliex il-prezenza tal-kjamat tiddependi minn certi presupposti. Dwar dan l-istitut, il-Mandrioli jirritjeni kif gej:[2]

> In realta', mentre nel caso dell'art. 102[3] la necessarieta' del litisconsorzio deriva senz'altro dalla legge ed e' quindi il presupposto o la causa dell'ordine del giudice; nel caso dell'art. 107[4], la necessita' del litisconsorzio e' soltanto la conseguenza dell'ordine del giudice, poiche' prima di tale ordine non sussisteva affatto, o meglio esisteva soltanto una facolta' di litisconsorzio che il giudice esercita discrezionalmente a fronte della legittima alternattiva di lasciare la posizione del terzo ad un eventuale altro giudizio.

Illi t-Tribunal jabbraccja din il-pozizzjoni u jqis li kemm fil-gurnata meta giet ordnata il-kjamata in kawza kif ukoll meta l-atti gew effettivament notifikati, it-terminu tas-sentejn kien iddekorra. In mankanza ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni, it-Tribunal iqis li din l-eccezzjoni ghandha tirnexxi u ghalhekk se jilqaghha. Ghalhekk mhemmx il-htiega ta' ezami ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi in vista tac-cessjoni registrata in atti, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talbiet in kwantu diretti fi-konfront tas-socjeta Gozo Village Holidays Limited, jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Konvenut Mario Loporto u konsegwentement jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju fil-waqt li jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-Socjetajiet Kjamati fil-kawza Ta' Frenc Estate

---

[1] *Vide* f'dan is-sens "Carmelo Micallef *vs* Briagdier John Belle McChance *noe*" deciza mill-Qorti tal-Appell (Koll. [1952] XXXVI.i.133) u "Perit R. Buttigieg *vs* Carmelo Mangion" deciza mill-Qorti tal-Kummerc (Koll. [1964] XLVIII.iii.1428)

[2] Mandrioli C, *Corso di Diritto Processuale Civile*, *editio minor*, *parte* I, VI *ed*. (Torino, 2007) 218

[3] Liema dispozizzjoni fil-Kodici ta' Procedura Civili Taljan titratta l-intervent f'kawza

[4] Liema dispozizzjoni fil-Kodici ta' Procedura Civili Taljan titratta l-intervent koatt f'kawza, jew kif nafuha ahna, il-kjamata in kawza

Limited u Ta' Frenc Properties Limited u jilliberahom ukoll mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez ikunu a karigu tas-Socjeta Attrici salv ghal dawk tal-Konvenut li ghar-ragunijiet fuq riportati ghandu jbati l-ispejjez tieghu.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*